# JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2003

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 4 | SOCIAL STUDIES (OPTION) | TIME: 1hr 30mins |
| --- | --- | --- |

Name: ________________________________ Class: ________________

**Taqsima A**

**Aqra din is-silta u agħżel SITT mistoqsijiet. Wieġeb kull mistoqsija f'mhux anqas minn 30 kelma.**

Is-soċjologi jqattgħu ħafna ħin jitkellmu dwar klassijiet soċjali. Dan minħabba l-fatt li m'hemm l-ebda dubju li l-istratifikazzjoni soċjali taffettwa l-ħajja tal-bniedem kontinwament. Il-klassi soċjali taffettwa l-ħajja tal-bniedem fis-saħħa, fl-edukazzjoni, fil-livell ta' għixien tal-ħajja. Taffettwah ukoll fil-mod kif iħares lejh innifsu, fil-lingwa li juża, fil-valuri u fl-idejat. Għalkemm jeżistu l-klassijiet soċjali, xorta jista' jkun hemm xi ċans ta' xi ċaqliq fl-istratifikazzjoni soċjali.

1 X'inhu x-xogħol tas-soċjologu?
2 L-istratifikazzjoni soċjali toħloq l-inugwaljanza. Spjega kif billi tagħti wkoll eżempji.
3 Il-klassijiet soċjali li jinsabu fil-quċċata tal-piramida jgawdu minn ċerti privileġġi. Għaliex? Semmi x'taħseb li huma dawn il-privileġġi?
4 Xi kultant isir ċaqliq minn saff għall-ieħor. X'insejħulu dan iċ-ċaqliq u kif jista' bniedem joħroġ minn saff soċjali li jinsab fih?
5 Għaliex il-klassi soċjali li jinsab fiha l-individwu taffettawh fil-mod kif iħares lejh nnifsu?
6 Agħti eżempji ta' kif il-klassi soċjali taffettwa l-valuri.
7 Max Weber u Karl Marx taw interpretazzjonijiet differenti ta' xi tkun l-inugwaljanza soċjali. Spjega din id-differenza li teżisti fl-interpretazzjoni tagħhom.

**(6x5 marki) Total 30 marka.**

**Taqsima B**

**Aqra din is-silta u wieġeb SITT mistoqijiet. Wieġeb kull mistoqsija f'mhux anqas minn 30 kelma.**

Il-familja hija l-aktar bażi komuni tad-demokrazija. Diffiċli ħafna nimmaġinaw soċjeta' fejn ma teżistix xi forma ta' familja. Illum il-familja hija dinamika, b'tibdiliet kontinwi li qed jaffettwaw il-mod kif qed tgħix il-familja. F'Malta wkoll il-familja għaddejja minn ħafna tibdiliet li qed jaffettwaw il-valuri. Għalkemm il-forma tal-familja qegħda tinbidel xorta waħda għad għandha funzjonijiet importanti x'taqdi.

1 Għaliex ngħidu li l-familja hija soċjeta "żgħira demokratika"?
2 Illum il-forma tal-familja tbiddlet globalment. Semmi x'tipi ta' familja qed taċċetta s-soċjeta' u għaliex seħħ dan it-tibdil?
3 Għaliex ngħidu li l-familja hija dinamika?
4 Semmi xi tibdiliet li seħħew mill-familja tradizzjonali għal dik kontemporanja. Agħti mill-anqas 4 tibdiliet.

5 Xi rwol għandha l-mara llum fil-familja?
6 Il-familja għandha funzjonijiet x'taqdi. Liema huma dawn il-funzjonijiet?
7 Fl-1993 il-Parlament Malti għadda liġi importanti dwar il-familja. X'kienet tgħid din il-liġi?

**(6x5 marki) Total 30 marka.**

**Taqsima Ċ**

**Agħżel TNEJN minn dawn u ikteb madwar 250 kelma fuq kull wieħed.**

1 Ir-reliġjon f'Malta kif tgħin biex titkattar l-identita' kulturali Maltija?
2 "Wieħed mill-fatturi essenzjali ta' stat demokratiku huwa l-eżistenza ta' aktar minn partit politiku wieħed". Iddiskuti.
3 X'inhu l-kontribut tat-turiżmu għall-ekonomija Maltija? X'jista' jsir biex jitjieb dan is-servizz?
4 "L-għan ewlieni ta' l-edukazzjoni huwa tħejjija għall-ħajja". Iddiskuti b'referenza għat-tipi ta' edukazzjoni f'Malta.
5 "Il-kontroll soċjali jista' jinżamm mingħajr ma titkasbar il-liberta' ta' l-individwu". Iddiskuti.
6 "In-normi soċjali jiġu trasmessi permezz tal-proċess tas-soċjalizzazzjoni." Ikkumenta.

**(2x20 marka) Total 40 marka.**